# MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016

**Talba numru 271/2016 AM3**

**Numru fuq il-lista: 37**

**Argus Insurance Agency Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza Tas-Socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited La Concorde, Abate Rigord Street, Tax-Xbiex**

**Vs**

**Stephan Liam Moran**
**21A, 'The Valley' Block A**
**Triq Dr Guze` Miceli,**
**Gzira**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Lulju, 2016, illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' erbat elef u hamsa u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€4,035.36c) bhala rkupru ta' din is-somma minghand il-konvenut liema somma hija hallset lil Mapfre Middlesea plc et stante li l-konvenut gie misjub hati fl-Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet: **Middlesea**

**Insurance plc et Vs Stephen Liam Moran et (M2682/2011)** li kiser l-kundizzjonijiet tal-polza tal-asskurazzjoni;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' erbat elef u hamsa u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€4,035.36c) bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mit-22 ta' Marzu, 2016, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali u mandat fl-ismijiet premessi relatati mal-ammont mitlub f'dan il-kawża, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**